

Skeda Informattiva

ECHA-16-FS-05-MT

INFORMAZZJONI EWLENIJA GĦALL-UTENTI DOWNSTREAM

Skedi ta' data ta' sigurtà u xenarji ta' esponiment

L-iskeda informattiva hija introduzzjoni għal utenti downstream għal skedi ta' data ta' sigurtà u xenarji ta' esponiment. Din tiddekrivi x'inhuma, meta għandhom jiġu pprovduti u x'għandu bżonn jagħmel utent downstream meta jirċevihom.

Jekk tuża kimiċi perikolużi f'attivitajiet industrijali jew professjonali, il-fornituri tiegħek normalment ikollhom jagħtuk skeda ta' data ta' sigurtà.

Tista' tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali minn xenarji ta' esponiment mehmuża mal-iskeda ta' data ta' sigurtà. Ix-xenarji ta' esponiment jiddeskrivu kif l-esponiment tal-bniedem u tal-ambjent għal sustanza jista' jiġi kkontrollat biex jiġi żgurat l-użu sigur tagħha.

GĦALIEX HUWA IMPORTANTI DAN?

L-informazzjoni fl-iskeda ta' data ta' sigurtà u fix-xenarji ta' esponiment tgħin fil-protezzjoni tal-ħaddiema u tal-ambjent.

Bħala utent tal-kimiċi, inti mitlub/a tidentifika u tapplika l-miżuri xierqa kkomunikati lilek mill-fornituri tiegħek biex tikkontrolla r-riskji b'mod adegwat.

Jekk tforni sustanzi jew taħlitiet downstream, inti għandek tikkomunika l-informazzjoni rilevanti u l-parir ix-xieraq dwar il-ġestjoni tar-riskju lill-klijenti tiegħek.

Utenti downstream huma kumpaniji jew individwi li jużaw sustanza kimika fl-attivitajiet industrijali jew professjonali tagħhom.



X'INHUMA SKEDI TA' DATA TA' SIGURTÀ

Skedi ta' data ta' sigurtà jipprovdu lill-utenti tal-kimiċi bl-informazzjoni neċessarja biex tgħin hom jipproteġu s-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.

L-iskeda ta' data ta' sigurtà tinkludi:

- Dettalji dwar il-fornitur;
- Identifikazzjoni u dettalji tal-kompożizzjoni meħtieġa tas-sustanza kimika, inkluż numru ta' reġistrazzjoni ta' REACH (jekk reġistrata) u l-funzjonijiet u l-użi tekniċi ewlenin tagħha;
- Informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni u t-tikkettar ta' periklu u l-valuri tal-limitu ta' esponiment għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent;
- Parir għall-immaniġġjar u l-ħżin, u kontrolli tal-esponiment;
- Miżuri tal-ewwel għajjnuna, tifi tan-nar, trasportazzjoni sigura; rimi u emerġenzi;
- Il-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi tas-sustanza jew taħlita (eż. solubilità fl-ilma, pressjoni tal-fwar, bijodegradabilità) inkluż informazzjoni dwar l-istabbiltà u r-reattività. Anke, informazzjoni tossikoloġika u ekoloġika dettaljata; u
- Informazzjoni regolatorja rilevanti. Din tinkludi jekk il-valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika tnejjt bħala parti mir-reġistrazzjoni ta' REACH u jekk is-sustanza hije xogħletta għal awtorizzazzjoni jew restrizzjoni taħt REACH.

Il-format u l-kontenut tal-iskedi ta' data ta' sigurtà huma speċifikati f'REACH.

X'INHUMA X-XENARJI TA' ESPONIMENT?

Reġistrant ta' REACH jipprepara valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika b'valutazzjoni tal-esponiment bħala parti mill-proċess ta' reġistrazzjoni, għal sustanzi rreġistrati fi kwantitajiet 'l fuq minn 10 tunnelli fis-sena u b'ċerti karatteristiċi perikolużi.

Bħala parti minn din il-valutazzjoni, ir-reġistranti jiżviluppaw xenarji ta' esponiment għall-użi tas-sustanza li huma identifikati. Meta jforu s-sustanza, dawn jipprovdu xenarji ta' esponiment rilevanti lill-utenti downstream.

Ix-xenarji ta' esponiment jiddeskrivu l-kundizzjonijiet operattivi u l-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju biex jiġu kkontrollati b'mod adegwat ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

Ix-xenarji ta' esponiment ikopru ċ-ċiklu kollu tal-ħajja tas-sustanza, inkluż il-formulazzjoni, l-użu industrijali u professjonali aħħari, l-użu mill-konsumatur u l-użu fl-oġġetti.

Il-format u l-kontenut għal xenarji ta' esponiment mhumiex speċifikati f'REACH iżda l-partijiet

ikkonċernati qablu dwar format u kontenut komuni. Dan jinkludi t-taqsimiet li ġejjin:

- Taqsima tat-titolu;
- Kundizzjonijiet tal-użu li jaffettwaw l-esponiment;
- L-istima tal-esponiment (din tista' tinkludi l-proporzjon tal-karatterizzazzjoni tar-riskju); u
- Gwida għal utenti downstream biex jiġi evalwat jekk l-użu tagħhom jaqax fil-limiti tax-xenarju ta' esponiment.

META GĦANDI NIRĊIEVI SKEDI TA' DATA TA' SIGURTÀ U XENARJI TA' ESPONIMENT?

Għandek tirċievi skeda ta' data ta' sigurtà għal:

- Sustanza jew taħlita li hija kklassifikata bħala perikoluża skont is-CLP; jew
- Sustanza li hija persistenti, bjoakkumulattiva u tossika (PBT) jew persistenti ħafna u bjoakkumulattiva ħafna (vPvB); jew
- Sustanza li hija inkluża fil-Lista ta' Kandidati ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHCs)¹.

Madankollu, meta s-sustanza jew it-taħlita tissodisfa l-kriterji t'hawn fuq iżda tinbiegħ ukoll lill-pubbliku ġenerali, m'hemmx bżonn li tiġi pprovduta skeda ta' data ta' sigurtà sakemm din ma tintalabx minn utent downstream jew minn distributtur.

Għal taħlitiet li mhumiex ikklassifikati bħala perikolużi iżda li fihom ċerti sustanzi perikolużi 'l fuq mil-limiti speċifikati, għandha tiġi pprovduta skeda ta' data ta' sigurtà jekk dan ikun mitlub minn utenti downstream jew minn distributori. Għandek tirċievi xenarji ta' esponiment rilevanti bħala anness għall-iskeda ta' data ta' sigurtà ta' sustanza meta kumpanija fil-katina tal-provvista tkun wettqet valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika b'valutazzjoni tal-esponiment skont ir-rekwiżiti ta' REACH.

X'GĦANDU JSIR DWAR IT-TAHLITET?

Il-fornituri tat-taħlitiet perikolużi għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni rilevanti mix-xenarji ta' esponiment tas-sustanzi tal-ingredjenti mal-iskeda tad-data ta' sigurtà għat-taħlita.

Din l-informazzjoni tista' tiġi pprovduta f'diversi modi:

- Tiġi pprovduta informazzjoni kkonsolidata dwar l-użu sigur għat-taħlita bħala anness għall-iskeda ta' data ta' sigurtà; jew
- Tiġi inkorporata informazzjoni kkonsolidata dwar l-użu sigur għat-taħlita fil-parti ewlenija tal-iskeda ta' data ta' sigurtà, l-aktar f'Taqsima 8; jew

¹ <https://echa.europa.eu/candidate-list-table>

- Tehmeż xenarji ta' esponiment rilevanti għas-sustanzi tal-ingredjenti bħala anness għall-iskeda ta' data ta' sigurtà.

Hemm metodoloġija disponibbli biex tgħin lill-formulaturi jidentifikaw il-miżuri rilevanti ta' ġestjoni ta' riskju li huma għandhom jikkomunikaw².

Xi organizzazzjonijiet tas-settur qed jiżviluppaw użu sigur tal-informazzjoni dwar it-taħlita għal tipi ta' prodotti komuni billi jużaw format li sar qbil fuqu, imsejjaħ SUMIs. Il-formulaturi jistgħu jagħżlu l-SUMIs ix-xierqa għall-prodotti u l-użi tagħhom u għandhom jipprovduhom bħala anness għall-iskeda ta' data ta' sigurtà³.

X'JEĦTIEĠ LI NAGĦMEL?

Meta tirċievi skeda ta' data ta' sigurtà, inti teħtieġ tidentifika u tapplika miżuri xierqa biex tikkontrolla b'mod adegwat ir-riskji fuq il-post tiegħek.

Inti għandek tqabbel ukoll l-informazzjoni relatata mal-identifikazzjoni, il-kompożizzjoni, il-klassifikazzjoni u l-użu sigur tas-sustanza kimika mal-informazzjoni tiegħek fuq is-sustanza jew it-taħlita. Ivaluta kwalunkwe diskrepanza u hu azzjonijiet korrettivi jekk ikun hemm bżonn.

Meta tirċievi xenarji ta' esponiment mal-iskeda ta' data ta' sigurtà, inti l-ewwel teħtieġ li tistabbilixxi jekk l-użu tiegħek huwiex kopert fix-xenarji ta' esponiment li tirċievi. Ix-xenarji ta' esponiment għandhom jinkludu użi fi ħdan il-kumpanija tiegħek u użi prevedibbli mill-klijenti tiegħek, li jinkludu kemm lill-ħaddiema kif ukoll lill-konsumaturi.

Inti mbagħad għandek tivverifika li l-kondizzjonijiet tal-użu huma wkoll koperti billi tqabbel ix-xenarji ta' esponiment tal-fornitur mal-mod ta' kif int u l-klijenti tiegħek tużaw is-sustanza.

Jekk l-użu tiegħek u/jew il-kondizzjonijiet għall-użu mhumiex koperti fix-xenarji ta' esponiment li tirċievi, inti għandek tieħu azzjoni!

X'AZZJONI GħANDI NIEĦU JEKK L-UŻU TIEGĦI JEW IL-KONDIZZJONIJET TIEGĦI GħALL-UŻU MHUMIEX KOPERTI?

Jekk l-użu tiegħek jew il-kondizzjonijiet tal-użu tiegħek, ma jkunux koperti fix-xenarju ta' esponiment li tirċievi, għandek dawn l-għażliet li ġejjin:

- Itlob lill-fornitur tiegħek biex jipprovdulek xenarju ta' esponiment xieraq. Jaf tkun teħtieġ

tiddeskrivi l-użi tiegħek u l-kondizzjonijiet tal-użu lill-fornitur tiegħek⁴;

- Bħala minimu, implimenta l-kundizzjonijiet tal-użu deskritti fix-xenarju ta' esponiment li tkun irċevejt;
- Issostitwixxi s-sustanza jew il-proċess b'alternattiva fejn l-użu tiegħek huwa kopert, jekk applikabbli;
- Sib furnitur ieħor li jista' jipprovdi xenarju ta' esponiment li jkopri l-użu tiegħek;
- Wettaq valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika u ħejji r-rapport tiegħek stess dwar is-sigurtà kimika ta' utent downstream għall-użi tiegħek u għall-kundizzjonijiet ta' użu sigur; jew
- Irrapporta l-informazzjoni lill-ECHA jekk meħtieġ.

Ikkomunika mal-fornituri tiegħek

- Jekk għandek dubji jew mistoqsijiet dwar l-informazzjoni li tirċievi mill-fornituri tiegħek, itlobhom jagħtuk aktar informazzjoni.
- L-iskeda ta' data ta' sigurtà għandha tiġi aġġornata bla telf ta' żmien jekk issir disponibbli informazzjoni ġdida dwar il-perikli jew jekk tqum il-ħtieġa għal miżuri ta' ġestjoni tar-riskji aktar xierqa.
- L-iskedi ta' data ta' sigurtà u x-xenarji ta' esponiment għandhom jiġu pprovduti f'lingwa uffiċjali tal-pajjiż fejn is-sustanza kimika tiġi fornuta fi ħdan iż-ŻEE.
- Jekk għandek informazzjoni ġdida dwar il-karatteristiċi perikolużi tas-sustanzi u t-taħlittiet, jew tqis li l-miżuri ta' ġestjoni tar-riskji deskritti mhumiex xierqa, inti obbligat/a li tikkomunika din l-informazzjoni lill-fornituri tiegħek.

NEĦTIEĠ NIRRAPPORTA LILL-ECHA?

Teħtieġ tirrapporta lill-ECHA jekk l-użu tiegħek jew il-kondizzjonijiet tal-użu tiegħek ma jkunux koperti fix-xenarju ta' esponiment li tirċievi u jekk:

- Tħejji rapport dwar is-sigurtà kimika ta' utent downstream u l-użu partikolari huwa ta' aktar minn tunnellata waħda fis-sena tas-sustanza; jew
- Tkun eżentat/a milli tħejji rapport dwar is-sigurtà kimika ta' utent downstream għaliex tuża s-sustanza f'total ta' anqas minn tunnellata waħda fis-sena; jew

⁴ Iċċekkja l-ewwel jekk l-organizzazzjonijiet tas-settur iprovduw diġà din l-informazzjoni f'mappa tal-użu. Il-mapep tal-użu huma format maqbul għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni neċessarja dwar l-użu u l-kundizzjonijiet tal-użu u huma disponibbli fis-[sit web tal-ECHA](http://sit.web.ta-ECHA)

² LCID

³ Linji gwida DUCC

- Tkun eżentat/a milli tħejji rapport dwar is-sigurtà kimika ta' utent downstream għaliex tuża s-sustanza għal riċerka u żvilupp orjentati lejn prodotti u proċessi (PPORD).

Rapport dwar is-sigurtà kimika ta' utenti downstream

Valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika ta' utent downstream tindirizza r-riskji għall-utenti li mhumiex koperti fix-xenarji ta' esponiment rċevuti. Dawn normalment huma bbażati fuq l-informazzjoni dwar il-periklu fl-iskeda tad-data ta' sigurtà.

M'hemmx għalfejn tħejji rapport dwar is-sigurtà kimika ta' utent downstream jekk:

- B'kollox tuża inqas minn tunnellata waħda tas-sustanza kull sena; jew
- Tuża s-sustanza f'riċerka u żvilupp orjentati lejn prodotti u proċessi (PPORD) u tikkontrolla r-riskji b'mod xieraq.

Tista' tippreżenta rapport ta' utent downstream mill-paġni tal-utent downstream tas-sit web tal-ECHA.

X'INHUMA L-ISKADENZI TIEGĦI?

REACH jinkludi skedi ta' żmien ċari (Figura 1) għall-implimentazzjoni tal-obbligi tal-utent downstream. Inti teħtieġ li tagħxi mingħajr dewmien.

Agħmel ċert li tiddokumenta dak li għamilt u dak li qiegħed tippjana li tagħmel sabiex tikseb implimentazzjoni ta' kwalità tajba.

FEJN NISTA' NSIB AKTAR INFORMAZZJONI U APPOĠĠ?


L-uffiċċji tal-informazzjoni nazzjonali ta' REACH joffru konsulenza Prattika bil-lingwi lokali:
» <http://echa.europa.eu/nationalhelp/>

Assoċjazzjonijiet tal-industrija, bħall-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Utenti Downstream ta' Sustanzi Kimiċi (DUCC) u Cefic, jipprovdu informazzjoni u appoġġ.

L-ECHA tipprovdi firxa wiesgħa ta' appoġġ u gwida għal utenti downstream:
» <http://echa.europa.eu/downstream>

Għal aktar informazzjoni dwar dan is-suġġett, ikkonsulta l-eGwida interattiva 01 dwar "Folji ta' Dejta ta' Sigurtà u Xenarji ta' Espożizzjoni" u Gwida Prattika 13 "Kif utenti downstream jistgħu jindirizzaw xenarji ta' esponiment":
» <https://echa.europa.eu/practical-guides>

Figura 1: skedi ta' żmien ta' REACH biex jiġu implimentati l-obbligi tal-utenti downstream



**DOWNSTREAM
USERS**

